Dok. 25

B) Kalkulazzjoni ta' kemm ghadna bzonn fuel stations

Minn hawn u 10 snin ohra d-domanda tal-fuel mill-vetturi ghall-pajjizna ser tonqos kwazi bin-nofs dak li tintuza illum il-gurnata minnhabba z-zieda tal-vetturi tal-elettriku. Dan ghax fi zmien 7 snin il-vetturi kollha ser jkunu manifatturati biex jahdmu bl-eletriku biss.

In-numru ta' karrozzi li ghandu pajjizna hu ta' 370, 000
In-numru ta' sewwiqa hu 250,000

F' Malta ghadna 69 fuel stations u f' Ghawdex ghadna 8.
Il-pompi kollha qed jigu immodernizzati b' limitu sa sena 2020
In-numru ta' pompi li kull fuel station ghandu jvarja minn 6 sa 12 il-pompa.

Il-fuel stations f' Malta huma miftuha l-gurnata kollha, hlief b'xi eccezzjonijiet.

Ser niehu average
Ghadna 77 fuel station u ser nassumu li dawn ghandhom average ta' 9 pompi kull station.
Hu fatt li biex timla tank minn pompa ma tiehux aktar minn 10 minuti.

Ser naqsam il-gurnata fit-tnejn:
12 il-sigha ta' bin-nhar fejn l-uzu ser jkun ta' 6 darbiet (fill-ups) kull siegha
u 12 il-sigha bil-lejl fejn l-uzu ser jonqos ghal 3 darbiet (fill-ups )kull siegha.

Ejja nassumi li kull sewwieq jimla t-tank tal-karrozza kull gimgha
( nafu li l-medja hi kull hmistax u hafna mill-karrozzi jdumu madwar 20 gurnata biex jinhelilhom it-tank. ez karrozzi li jahlu 32litri kull 500 km)

Mela dan jfisser:
Matul bin-nhar 12sigha x7 jiem x 77 stations x 9pompi x6 kull sigha= 349272
Matul il-lejl 12 sigha x7 jiem x 77 stations x 9pompi x3kull sigha=
174636

Dan jfisser li t-total hu ta' 523,908 drabi fejn wiehed jista jimla t-tank tal-karrozza

Dan juri li minkejja ghandna 77 fuel station u qed jizdiedu fuel stations godda ( s'issa nghatu 3 ohra) ghad-daqs ta' pajjizna illum il-gurnata ma ghandiex bzonn aktar minn nofs l-fuel stations li ghandna u sa sena 2035 mhux zgur ikolna bzonn 5 fuel stations.

* Niftakru wkoll li karozzi kumercjali, trakkijiet u xarabanks generalment jimlew it-tank f' pompi privati.